**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Nru: 483/02AJD**
**Andrew Seychell**

**vs**

**Anna Pulis u zewgha Carmelo sive Charles Pulis**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' F+rar 2002 fejn l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jirrifondu s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700.00). L-attur idddikjara li huwa kien ta hames mittt lira Maltin (Lm500.00) lill-konvenuta li hija bintu wara li din kienet offrietlu li jmur jghix maghha u ma zewgha billi huwa kien jghix wahdu, Wara ftit huwa taha xi deheb li kellu, liema deheb kien jiswa cirka mitejn lira Maltin (Lm200.00). L-attur jghid ukoll li kuntratti bil-miktub ma sarux u li meta huwa talab lill-konvenuti biex imur jghix maghhom, huma qalulu li rega' bdielhom u ghalhekk huwa talabhom il-flus u d-deheb lura izda huma rrifjutaw.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi.

L-eccipjenti m'humiex debituri tal-attur u m'ghandhom ituh xejn.

Illi mhux veru li l-attur tahom l-ammont pretiz minnu sabiex imur joqghod maghhom. Il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00) kien tahom rigal lit-tifel biex jixtri 'computer'. Dan kien fi Frar tal-1999 u kien ringrazzjament talli l-eccipjenti kelmuh u tawh ghajnuna wara snin li kien ilhom ma jitkelmux. F'Mejju tas-sena 2000 l-attur kien irregala lill-eccipjenti tlett icrieket li kienu ta' valur zghir u mhux ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00).

Sema' x-xhieda tal-attur u tal-konvenuti. Ha konjizzjoni tal-affidavits tal-konvenuti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700.00) stante li jirritjeni li gjaladarba d-donazzjoni minnu maghmula saret taht kundizzjoni li fil-fatt ma avveratx ruhha, huwa ghandu d-dritt jitlob ir-revoka tad-donazzjoni u konsegwentement li jinghata lura l-oggett li kien jikkostitwixxi d-donazzjoni. Fit-trattazzjoni finali l-avvukat difensur tal-attur sostna li fi kwalunkwe kaz id-donazzjonijiet in kwistjoni kienu nulli, u dan ai termini tal-Artikolu 1753(1) tal-Kap. 16 li jistabbilixxi li donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku. Illi qabel xejn it-Tribuunal jixtieq jippuntwalizza li hawn si tratta ta' zewg donazzjonijiet separati u cioe', donazzjoni konsistenti f'somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00), u donazzjoni ohra konsistenti f'oggetti tad-deheb li l-attur jatribwilhom valur kumplessiv ta' madwar mitejn lira Maltin (Lm200.00) u kwindi l-attur qed jitlob ir-revoka ta' dawn iz-zewg donazzjonijiet u jikkontendi wkkoll li l-istess donazzjonijiet huma nulli ghaliex ma sarux permezz ta' att pubbliku, It-Tribunal jirritjeni li si tratta ta' zewg donazzjonijiet separati stante li nghataw f'dati

differenti, u dwar dan il-fatt hemm qbil bejn il-partijiet, u anki peress li l-oggett li jifforma parti mid-donazzjoni huwa differenti trattandosi f'ammont ta' flus f'kaz wiehed u f'oggetti tad-deheb fil-kaz l-iehor.

Illi una volta stabbilit dan il-fatt, it-Tribunal irid jiddeciedi jekk ghal kull wahda minn dawn id-donazzjonijiet japplikax l-Artikolu 1753(2((a) tal-Kap. 16 liema Artikolu jghid hekk:

**"Izda id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-Artikolu ma jghoddux-**

**(a) ghal rigali, li jinghataw minn id ghal id, ta' flus jew ta' hwejjeg mobbli korporali ohra, jew ta' titoli ghal portatur, jekk is-somma jew il-valur taghhom ikun zghir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra"**

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-valur taz-zewg donazzjonijiet in kwistjoni jista' jinghad li huwa zghir ai termini tas-subartikolu 2(a) tal-Artikolu 1753 u dan tenut kont taz-zmien meta inghataw u tac-cirkostanzi li fihom inghataw. Isegwi galhekk li ma kienx hemm il-htiega li jsiru b'att pubbliku u li kwindi huma donazzjonijiet maghmulin skond il-ligi.

Illi t-Tribunal jidhirlu li ma jistax jilqa' t-talba tal-attur in kwantu jirrigwarda l-mitejn Lira Malti (Lm200.00) stante illi d-donazzjoni li huwa ghamel lill-konvenuti kienet konsistenti f'oggetti tad-deheb u ghalhekk huwa jista' jitlob biss ir-revoka ta' tali donazzjoni billi jitlob ir-restituzzjoni tal-istess oggetti tad-deheb, u dan tent kont tal-fatt li mill-provi rrizulta li l-imsemmija oggetti tad-deheb ghadhom fil-pussess tal-konvenuti. F'dan ir-rigward jinghad ukoll li fi kwalunkwe kaz, l-attur ma ressaq ebda prova ntiza sabiex tistabbilixxi l-valur ta' dawn l-oggetti tad-deheb fl-ammont ta' mitejn Lira Maltin (Lm200.00).

Illi in kwantu jirrigwarda d-donazzzjoni konsistenti f'somma flus fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00), l-attur fl-Avviz tat-Talba jghid li dan l-ammont inghata lill-konvenuti bil-kundizzjoni li huma jiehduh joqghod maghhom, izda fix-xhieda tieghu tas-17 ta' April 2002 huwa jghid **hekk "Madwar sena ilu, binti u zewgha,**

**cioe' iz-zewg konvenuti, kienu qaluli illi jekk jiena kelli bzonn xi haga, kienu lesti li jospitawni fid-dar taghhom u jiehdu hsiebi…….Xi ftit taz-zmien wara, minhabba li huma kienu obbligaw ruhhom f'dan is-sens, jiena kont tajt lit-tifla Lm500.00 sabiex tixtri 'computer' ghat-tifel".** Il-konvenuti min-naha taghhom jichdu kategorikament li huma qatt obbligaw ruhhom li jospitaw lill-attur f'darhom u sostnew li l-attur kien offra li jaghti s-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) sabiex jinxtara 'computer' lit-tifel u li dan kien fl-1999 meta l-attur kien ghadu qed jghix mar-raba' mara tieghu, u mhux madwar sena ilu kif xehed l-attur. It-Tribunal huwa aktar propens li jemmen lill-konvenuti f''dan ir-rigward ghaliex mill-ircevuta esibita a fol. 27, u mill-estratti tad-djarju tal-konvenuta esibiti a fol. 25 et seq., jirrizulta li l-'computer' in kwistjoni nxtara fit-23 ta' Marzu 1999. L-attur xehed li **'f'Marzu 1999, l-mara ma kienetx ghadhs telqet mid-dar u waqt li l-mara kienet ghada tghix id-dar, jiena ma kelli l-ebda ntenzjoni li mmur nghix ma haddiehor jew nitlaq mid-dar".**

Illi fi kwalunkwe kaz, it-Tribunal jirritjeni li d-donazzjoni ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) saret lit-tifel tal-konvenuti.. L-Artikolu 1758(1) jistipula li **"Id-donazzjoni maghmula lil wiehed minuri tista' tigi accettata ghalih sew mill-missier kemm mill-omm…."** Fil-kaz odjern jidher li l-konvenuti accettaw il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00) ghan-nom ta' binhom bl-iskop li jinxtralu 'computer', liema 'computer fil-fatt inxtara.

Illi l-Artikolu 1785 tal-Kap. 16 jistabbilixxi li donazzjonijiet jistghu jithassru bis-sahha ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa jew tacita, inkella minhabba ingratitudni. Kif intqal aktar il-fuq, ma jirrizultax pruvat li tali kundizzjoni rizoluttiva keinet tezisti. In kwantu jirrigwarda l-ingratitudni, l-Artikolu 1787 tal-Kap. 16 jghid hekk:

**"Id-donazzjoni ma tistax tithassar minhabba ingratitudni hlief wiehed jew iehor mill-kazijiet li gejjin:**

**(a) jekk id-donatarju jkun ittenta ghal hajja tad-donatur, jew ikun sar hati lejh ta' mohqrija jew ta' ingurja gravi;**

**(b) Jekk id-donatarju jkun volontarjament, u bil-hsieb li jaghmel deni lid-donatur, ghamel hsara kbira fil-propjeta' ta' dan, jew ippregudikalu hafna l-inteessi tieghu;**

**(c) Jekk, fil-kaz li d-donatur ikun fi bzonn urgenti ta' manteniment jew** ta' **ghajnuna personali ohra, id-donatarju jichadlu l-ghajnuna li minghajr xkiel kir ghalih innifsu seta' jaghtih".**

Illi, kif diga ntqal aktar il-fuq, it-Tribunal huwa tal-fehma li d-donazzjoni in kwistjoni nghatat lit-tifel tal-konvenuti u mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta li l-istess tifel rrenda ruhu hati ta' xi wiehed mill-kazijiet msemmija f'dan l-ahhar Artikolu. Del resto, anki jekk wiehed kellu jaccetta li d-donazzjoni effettivament inghatat lill-konvenuti, l-attur xorta ma rnexxielux jipprova li huwa kellu **bzonn urgenti** ta' ghajnuna personali u li l-konvenuti cahdu li jtuh din l-ghajnuna meta l-ghoti ta' tali ghajnuna ma kienx jikkostitwixxi xkiel kbir.ghalihom

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**